

**Suġġett**

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex jinkisbu, fl-ewwel lok, ordni li tobbliga lill-Kummissjoni tadotta ċerti miżuri li jirrigwardaw is-sehem ta' Ryanair Holdings plc fil-kapital tar-rikorrenti, fit-tieni lok, u sussidjarjament, ordni b'effett simili kontra l-Kummissjoni jew Ryanair Holdings plc, u fit-tielet lok, is-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4600 finali, tal-11 ta' Ottubru 2007, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ftuħ ta' proċeduri skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, p. 1) u li jiġu adottati miżuri interim taħt l-Artikolu 8(5) ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Ottubru 2008 — Imperial Chemical Industries vs UASI (FACTORY FINISH)**

(Kawża T-487/07) <sup>(1)</sup>

**(“Kwistjoni proċedurali — Trade mark Komunitarja — Rappreżentanza minn avukat”)**

(2008/C 327/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Imperial Chemical Industries plc (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

**Suġġett**

Talba, skont l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, sabiex W. Johnston jiġi rikonoxxut bħala rappreżentant tar-rikorrenti f'din il-kawża.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba magħmula sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza tirrikonoxxi lil W. Johnston bħala rappreżentant tal-Imperial Chemical Industries plc hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 51, 23.2.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Settembru 2008 — Van Neyghem vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-105/08 P) <sup>(1)</sup>

(“Appell — Servizz Pubbliku — Ċaħda tal-appell fl-ewwel istanza — Reklutaġġ — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' ammissjoni għall-eżami orali — Appell manifestament infondat”)

(2008/C 327/51)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Kris Van Neyghem (Vissenaken, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal tas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Settembru 2007, Van Neyghem vs Il-Kummissjoni (F-73/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Kris Van Neyghem għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni f'din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 107, 26.4.2008.